MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 755/2003

**Emanuel Said**

**Vs**

**Nazzareno Formosa**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' disghin lira Maltin (Lm90) rapprezentanti l-prezz ta' zewgt ihrief mibjugha mill-attur lill-konvenut f'Awissu 2002.

Illi l-konvenut irrisponda billi fl-ewwel lok invoka l-*privilegum forum* u minghajr pregudizzju ghas-suespost li m'huwiex debitur tal-attur fl-ebda ammont. Aktar u aktar meta l-istess hrief mietu fi ftit jiem.

Ra illi l-eccezzjoni dwar il-*privilegum forum* giet michuda b'decizjoni tas-7 t'April 2003.

Ra x-xhieda moghtija mill-attur, Paul Delia, l-konvenut u Edward Attard u ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirrizulta illi fl-Imnarja tal-2002 il-konvenut kien wera nteress biex jixtri xi hrief maghrufa bhala Freesian u kien tkellem ma' Edward Attard li jahdem fl-Ghammieri u l-istess Attard issuggerielu li jkellem lill-attur. Effettivament sar kuntatt bejniethom u l-konvenut mar Ghawdex akkompjanat ma' Paul Delia u dakinhar sar il-ftehim. Il-konvenut xtara minghand l-attur zewgt ihrief ossia ghabajjar u dan versu l-prezz ta' disghin lira Maltin (Lm90)

L-ghada l-attur nizzel iz-zewg ghabajjar fil-farm tal-konvenut f'Malta u eventwalment kellu jmur jigbor il-flus. Wara ftit granet wahda minn dawn l-ghabajjar mardet u mietet u ftit wara mardet it-tieni wahda u beda jikkuraha bl-antibiotics (injections), l-istess Edward Attard. Huwa taqqab l-annimal ghal hamest ijiem izda fil-weekend meta mar fil-farm tal-konvenut ma kien hemm hadd u ghalhekk din l-ghabura ma ttaqbidx. Meta mar it-Tnejn ta' wara nstab li din kienet mietet dakinhar stess.

L-ghabajjar apparentement mietu b'rizultat ta' problemi fil-pulmun u kif xehed l-istess Attard hemm diversi fatturi kif dan seta' jsehh anke jekk huma jiehdu rih u dan ma jigix debitament ikkurat din tista' tiggrava b'rizultat li jmutu l-annimali.
F'materja ta' bejgh, galadarba jigi konkluz ftehim fuq il-prezz u l-oggett, bazikament il-venditur, l-attur, huwa obbligat li jikkonsenja l-oggett pattwit. F'din il-kawza jidher li t-*traditio* saret. Il-konvenut da parti tieghu b'hekk gie obbligat ihallas il-prezz relattiv izda f'dan il-kaz qed ighid li m'ghandux obbligu li jhallas il-prezz. Ir-Risposta pprezentata fil-kawza m'hijiex cara ezattament x'tip ta' difiza qieghda ssir izda mit-trattazzjoni li saret fil-kawza jidher illi li l-konvenut qed ighid illi fl-ewwel lok biex jigi kompletat il-bejgh kien hemm il-htiega ta' certu dokumenti u fit-tieni lok, m'huwiex obbligat ihallas stante li l-hrief

mietu ftit wara li sehh il-bejgh u b'hekk presumibbilment l-attur ma kkonsenjax il-hrief f'kundizzjoni tajba. L-konvenut ma specifikax jekk din hijiex eccezzjoni dwar vizzju fl-oggett jew hijiex allegazzjoni li l-attur naqas mill-obbligazzjonijiet tieghu kuntrattwali li jikkonsenja l-oggett pattwit. F'kull kaz tinhtieg fl-ewwel lok il-prova dwar il-fatt materjali u din il-prova tispetta lill-konvenut.

Illi fir-rigward tan-necessita' o meno ta' dokumenti ma giex precizat x'tip ta dokumenti kienu necessarji. Certament mill-provi l-konvenut ma rnexxielux jipprova sodisfacentement li, sabiex il-bejgh jigi kompletat hemm in-necessita' ta' xi licenzja jew certifikat.

Illi fil-mertu, mhux qed jigi allegat li gie konsenjat oggett flok iehor. M'hemmx kontestazzjoni li l-annimali konsenjati kienu propju dawk li sar ftehim fuqhom.

Il-konvenut donnu qed jallega li l-hrief mixtrija ma kienux b'sahhithom u dan kontra dak li gie espressament pattwit. Il-fatt li dawn mietu vicin hafna l-mument tal-konsenja <u>ghall-konvenut</u> ifisser illi dawn ma kienux b'sahhithom bizzejjed.

Allegazzjoni simili trid tigi pruvata minn min jallegaha u f'dan ir-rigward il-piz tal-prova taqa' fuq il-konvenut. Huwa ben saput illi annimali zghar jiehdu kedda anke jekk tbiddlilhom l-ambjent. Bis-semplici trasport tal-annimali mill-ambjent taghhom f'Ghawdex ghall-ambjent gdid f'Malta ukoll jista' jaghtihom kedda. Annimali zghar huma delikati u jinhtiegilhom kura u jekk il-kura ma tkunx immedjata huma jaggravaw malajr.

Mix-xhieda ta' Paul Delia li huwa habib tal-konvenut u tela' Ghawdex mieghu biex ighinu fl-akkwist tal-annimali jidher illi fil-mument tal-ftehim meta marru Ghawdex u raw l-annimali "dawn dehru b'sahhithom **first class**".

Il-konsenja saret immedjatament mill-attur lill-konvenut u ma jidhirx li sar xi lment dwar il-kundizzjoni tal-annimali *a tempo vergine*.

Inoltre, skond ic-certifikat esebit fl-atti jidher illi l-merhla tal-attur dejjem giet ezaminata ghall-mard u nstabet hielsa minn brucellosi jew kwalsijasi mard kontaggjuz. Jidher illi l-annimali mardu wara xi gimgha / ghaxart ijiem mill-konsenja u l-ewwel mietet wahda u xi gimgha / ghaxart ijiem wara mietet l-ohra.

Jirrizulta wkoll illi l-annimali mietu b'rizultat ta' mard fil-pulmun u dan il-mard jista' jigi minn raguni varji fosthom anke semplici rih li ma jigix debitament ikkurat.
Ta' relevanza hafna huwa l-fatt illi wara li miet l-ewwel haruf u t-tieni haruf kien marid, il-konvenut sejjah lil Attard biex jassistih fil-kura u Attard kien ra evidenza li dan il-haruf kien gja qed jinghata xi kura. Attard sab li dan il-haruf kien marid hafna u beda jtih antibiotics bl-injection. Mar kuljum mit-Tnejn sal-Gimgha izda meta mar fil-weekend ma tahx il-kura relattiva ghaliex meta pprova jidhol fil-farm ma kien hemm hadd biex jiftah. It-Tnejn ta' wara nstab li l-haruf miet dakinhar stess.

Fuq din il-bazi t-Tribunal huwa tal-fehma illi fil-fatt ghal dawn l-imwiet tal-hrief ma jahtix l-attur izda l-probabbilta' hija li bit-trasport minn Ghawdex ghal Malta l-annimali hadu kedda u jidher li din il-kedda ma gietx debitament jew proprjament ikkurata. L-fatt illi f'nofs kors t'antibiotics il-konvenut ihalli l-annimal minghajr il-kura debita certament juri nuqqas serja da parti tal-konvenut. Galadarba l-mard sehh wara li gie perfezzjonat il-bejgh u sar it-*traditio* u konsegwenti traslazzjoni ta' proprjeta' (ownership) tal-hrief, l-konsegwenzi ta' dak li gara lill-hrief wara dakinhar ghandu jbatihom is-sid relattiv cjoe l-konvenut.

Illi mhux qed jigi kontestat li l-ammont mitlub mill-attur jirraprezenta l-prezz pattwit bejn il-partijiet u li dan il-prezz ma thallasx.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-attur kif dedotti u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' disghin lira Maltin (Lm90) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------